

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Ottubru 2011

li temenda u tikkoreġi l-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE

(notifikata bid-dokument numru C(2011) 7167)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2011/690/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari r-raba' sub-paragrafu tal-Artikolu 29(1) u l-Artikolu 29(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 96/23/KE tistabbilixxi miżuri għall-monitoraġġ ta' sustanzi u gruppi ta' residwi mniżżla fl-Anness I tagħha. Skont id-Direttiva 96/23/KE, l-inklużjoni u l-permanenza fuq il-listi tal-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimpurtaw annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali koperti minn dik id-Direttiva, huma soġġetti għas-sottomissjoni ta' pjan mill-pajjiżi terzi kkonċernati li jistipula l-garanziji li huma joffru fejn jidħol il-monitoraġġ tal-gruppi ta' residwi u sustanzi elenkati f'dak l-Anness. Dawn il-pjanijiet għandhom jiġu aġġornati fuq talba tal-Kummissjoni, partikolarment meta ċerti verifiki jkunu jesigju li jsir dan.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ⁽²⁾ tapprova l-pjanijiet stipulati fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 96/23/KE ("il-pjanijiet") sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi elenkati fl-Anness tiegħu għall-annimali u l-prodotti mill-annimali indikati f'dik il-lista. Id-Deċiżjoni 2011/163/UE tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/432/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-approvazzjoni tal-pjani tal-monitoraġġ tal-fdalijiet issottomessi minn pajjiżi terzi skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ⁽³⁾.
- (3) Fid-dawl tal-pjanijiet li ġew sottomessi reċentement minn ċerti pajjiżi terzi u t-tagħrif addizzjonali miksub mill-Kummissjoni, huwa neċessarju li tiġi aġġornata l-lista ta' pajjiżi terzi li l-Istati Membri huma awtorizzati jimpurtaw ċerti annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali

mingħandhom, kif inhu stipulat fid-Direttiva 96/23/KE u li bħalissa huma elenkati fl-Anness mad-Deċiżjoni 2011/163/UE ("il-lista").

- (4) Il-Beliże bħalissa hija inkluża fil-lista għall-akkwakultura u l-għasel. Madankollu, il-Beliże ma pprovdix pjan kif mitlub mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 96/23/KE. Għalhekk il-Beliże għandu jitneħħa mil-lista.
- (5) Il-Gana ssottomettiet pjan għall-għasel lill-Kummissjoni. Dan il-pjan jipprovdix biżżejjed garanziji u għandu jiġi approvat. Għalhekk, fil-lista għandha tiġi inkluża annotazzjoni għall-għasel għall-Gana.
- (6) L-Indja issa wettqet il-miżuri korrettivi biex tindirizza n-nuqqasijiet fil-pjan ta' residwu għall-għasel. Dak il-pajjiż terz bagħat pjan ta' residwu mtejjeb għall-għasel u spezzjoni tal-Kummissjoni kkonfermat implimentazzjoni aċċettabbli tal-pjan. Għalhekk, l-annotazzjoni fil-lista għall-Indja għandha tinkludi l-għasel.
- (7) Il-Madagaskar bagħat pjan għall-għasel lill-Kummissjoni. Dan il-pjan jipprovdix biżżejjed garanziji u għandu jiġi approvat. Għalhekk, l-annotazzjoni fil-lista għall-Madagaskar għandha tinkludi l-għasel.
- (8) Il-Mawrizju bħalissa huwa inkluż fil-lista għat-tjur imma b'referenza għan-nota 2 ta' qiegħ il-paġna fl-Anness mad-Deċiżjoni 2011/163/UE. Dik in-nota ta' qiegħ il-paġna tirrestrinġi dawk l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima jew mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħrajn li huma approvati għall-importazzjonijiet ta' materja prima bħal din lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni. Madankollu, il-Mawrizju ma pprovdix il-garanziji meħtieġa għall-pjan għat-tjur. Għalhekk, l-annotazzjoni fil-lista għal dak il-pajjiż terz ma għandhiex tibqa' tinkludi t-tjur.
- (9) It-Turkija bagħtet pjan għall-bajd lill-Kummissjoni. Dan il-pjan jipprovdix biżżejjed garanziji u għandu jiġi approvat. Għalhekk, l-annotazzjoni fil-lista għat-Turkija għandha tinkludi l-bajd.

⁽¹⁾ ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

⁽²⁾ ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40.

⁽³⁾ ĠU L 154, 30.4.2004, p. 44.

- (10) L-annotazzjoni għal Singapor fil-lista tinkludi l-akkwakultura imma b'referenza għan-nota 2 ta' qiegħ il-paġna fl-Anness mad-Deċiżjoni 2011/163/UE. Madankollu, fl-Anness mad-Deċiżjoni 2004/432/KE, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/327/UE ⁽¹⁾, ma hemm l-ebda referenza għan-nota 2 ta' qiegħ il-paġna peress li Singapor baġhat pjan approvat għall-akkwakultura. Il-Kummissjoni ma għet innotifikata bl-ebda bidla mill-approvazzjoni ta' dak il-pjan. Għalhekk, l-annotazzjoni għal dak il-pajjiż terz fil-lista għandha tiġi korretta billi titħassar ir-referenza għal dik in-nota ta' qiegħ il-paġna għall-importazzjonijiet tal-akkwakultura. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, l-annotazzjoni għal Singapor għandha tapplika retroattivament mill-15 ta' Marzu 2011, id-data tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2011/163/UE meta ġara l-iżball li jirrigwarda lil Singapor fl-annotazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ġew infurmati b'dan u l-Kummissjoni ma għet innotifikata bl-ebda xkiel għall-importazzjonijiet
- (11) L-Anness mad-Deċiżjoni 2011/163/UE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness mad-Deċiżjoni 2011/163/UE jinbidel bit-test fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2011.

Madankollu, l-emenda li tikkonċerna l-annotazzjoni għal Singapor għandha tapplika mill-15 ta' Marzu 2011.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2011.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 147, 12.6.2010, p. 5.

ANNEX

“ANNEX

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kapriini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tjur tal-kaċċa	Tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
AD	Andorra	X	X		X								
AE	L-Emirati Għarab Magħquda						X	X ⁽¹⁾					
AL	L-Albanija		X				X		X				
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X		X		X	X			X	X	X
BA	Il-Bosnja-Herzegovina						X						
BD	Il-Bangladexx						X						
BN	Il-Brunej						X						
BR	Il-Brażil	X			X	X	X						X
BW	Il-Botswana	X			X							X	
BY	Il-Bjelorussja				X ⁽²⁾		X	X	X				
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CH	L-Isvizzera	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċili	X	X ⁽³⁾	X		X	X	X			X		X
CM	Il-Kamerun												X
CN	Iċ-Ċina					X	X		X	X			X
CO	Il-Kolombja						X						
CR	Il-Kosta Rika						X						

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kapriini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tjur tal-kaċċa	Tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
CU	Kuba						X						X
CW	Curaçao							X ⁽⁴⁾					
EC	L-Ekwador						X						
ET	L-Etjopja												X
FK	Il-Gżejjer Falkland	X	X										
FO	Il-Gżejjer Faeroe						X						
GH	Il-Gana												X
GL	Il-Groenlandja		X								X	X	
GT	Il-Gwatemala						X						X
HK	Hong Kong					X ⁽⁴⁾	X ⁽⁴⁾						
HN	Il-Honduras						X						
HR	Il-Kroazja	X	X	X	X ⁽²⁾	X	X	X	X	X	X	X	X
ID	L-Indoneżja						X						
IL	L-Iżrael					X	X	X	X			X	X
IN	L-Indja						X		X				X
IS	L-Islanda	X	X	X	X		X	X				X ⁽⁴⁾	
IR	L-Iran						X						
JM	Il-Ġamajka						X						X
JP	Il-Ġappun						X						
KG	Il-Kirgiżistan												X

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kapriani	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tjur tal-kaċċa	Tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
KR	Il-Korea t'Isfel						X						
LK	Is-Sri Lanka						X						
MA	Il-Marokk						X						
MD	Il-Moldova												X
ME	Il-Montenegro	X	X	X		X	X		X				X
MG	Il-Madagaskar						X						X
MK	Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ⁽⁵⁾	X	X	X		X	X	X	X		X		X
MU	Il-Mawrizju						X						
MX	Il-Messiku				X		X		X				X
MY	Il-Malasja					X ⁽⁴⁾	X						
MZ	Il-Możambik						X						
NA	In-Namibja	X	X								X	X	
NC	Il-Kaledonja Ġdida	X					X				X	X	X
NI	In-Nikaragwa						X						X
NZ	In-New Zealand	X	X		X		X	X			X	X	X
PA	Il-Panama						X						
PE	Il-Perù					X	X						
PF	Il-Polineżja Franċiża												X
PH	Il-Filippini						X						
PN	Il-Gżejjer Pitcairn												X

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kapriani	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tjur tal-kaċċa	Tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
PY	Il-Paragwaj	X											
RS	Is-Serbja ⁽⁶⁾	X	X	X	X ⁽²⁾	X	X	X	X		X		X
RU	Ir-Russja	X	X	X		X		X	X			X ⁽⁷⁾	X
SA	L-Arabja Sawdija						X						
SG	Singapor	X ⁽⁴⁾	X ⁽⁴⁾	X ⁽⁴⁾		X ⁽⁴⁾	X	X ⁽⁴⁾					
SM	San Marino	X		X									X
SR	Is-Surinam						X						
SV	El Salvador												X
SX	Sint Maarten							X ⁽⁴⁾					
SZ	Is-Swaziland	X											
TH	It-Tajlandja					X	X						X
TN	It-Tuneżija					X	X				X		
TR	It-Turkija					X	X	X	X				X
TW	It-Tajwan						X						X
TZ	It-Tanzanija						X						X
UA	L-Ukraina					X	X	X	X				X
UG	L-Uganda						X						X
US	L-Istati Uniti	X	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X
UY	L-Urugwaj	X	X		X		X	X			X		X
VE	Il-Venezwela						X						

Kodiċi ISO2	Pajjiż	Bovini	Ovini/kapriini	Porċini	Ekwini	Tjur	Akkwakultura	Ħalib	Bajd	Fniek	Tjur tal-kaċċa	Tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet	Għasel
VN	Il-Vjetnam						X						
YT	Il-Majott						X						
ZA	L-Afrika t'Isfel										X	X	
ZM	Iż-Żambja												X
ZW	Iż-Żimbabwe						X					X	

(¹) Ħalib tal-iġmla biss.

(²) Esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' ekwidi ħajjin għall-qatla (annimali li jipproduċu l-ikel biss).

(³) Annimali ovini biss.

(⁴) Pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħrajn li tkun approvata għall-importazzjonijiet ta' materja prima bħal din lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2.

(⁵) Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż se tiġi stabbilita wara n-negozjati attwali fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti.

(⁶) Bl-esklużjoni tal-Kosovo li bħalissa jinsab taħt amministrazzjoni internazzjonali skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.

(⁷) Għaċ-ċriev mir-reġjuni tal-Murmansk u Yamalo-Nenets biss."